# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMHALLEF**

**S.T.O. Prim Imhallef Vincent Degaetano LL.D.**

**Illum, disgha (9) ta' Settembru, 2002.**

**Rikors Kost. Nru: 11/2002 VDG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**v.**

**Joseph Bone u Romeo Bone.**

Il-Qorti,

Rat ir-referenza maghmula lil din il-Qorti mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-6 ta' Gunju, 2002 fl-ismijiet premessi, li tghid hekk:

"Il-Qorti:

"Ikkunsidrat:

"Illi f'din il-kawza l-imputati qeghdin jigu akkuzati b'reati li sehhew fis-17 ta' April, 2002;

"Illi l-imputati talbu lil din il-Qorti kif preseduta tastjeni milli tisma' din il-kawza billi b'sentenza moghtija fid-29 ta' Ottubru, 1999 hija kkundannathom ghal erba' snin prigunerija ghar-reati li ghalkemm sehhew ferm qabel is-17 ta' April, 2002 kienu jinvolvu l-istess parte civile fil-proceduri odjerni u ukoll ghaliex fl-istess imsemmija

sentenza din il-Qorti kif preseduta kienet ikkummentat b'mod negattiv dwar l-agir ta' l-istess imputati fil-konfront tal-imsemmi parte civile;

"Illi l-imputati qeghdin isejsu t-talba taghhom ghall-astensjoni fuq: (**a**) l-Artikolu 734(d)(i) tal-Kap. 12 kif res applikabbli ghall-proceduri odjerni bl-Artikolu 368 tal-Kap. 9; u (**b**) l-Artkolu 6(1) tal-Att 14 ta' l-1987[1];

"Illi l-Artikolu 734(d)(i) tal-Kap. 12 jghid hekk: *L-imhallef jista' jigi rekuzat jew jista' jastjeni ruhu milli joqghod fil-kawza…jekk ikun ta l-parir tieghu, itratta quddiem il-Qorti jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha*;

"Illi hu evidenti li l-imputati qed jirreferu ghall-ahhar parti tad-disposizzjoni appena citata u cioe` qeghdin jissottomettu illi l-Magistrat Sedenti ghandha tastjeni ghaliex bis-sentenza tad-29 ta' Ottubru, 1999 din il-Qorti kif preseduta kitbet *"dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha"*;

"Illi din is-sottomissjoni ma treggix u konsegwentement qeghda tigi respinta ghaliex kif intqal aktar 'l fuq l-allegati incidenti mertu tal-kawza odjerna sehhew fis-17 ta' April, 2002 mentri s-sentenza inghatat fid-29 ta' Ottubru, 1999 u ghalhekk din il-Qorti kif preseduta fl-imsemmija sentenza la kitbet dwar il-kawza odjerna u lanqas dwar xi haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza odjerna jew li tiddependi minnha. Fl-imsemmija sentenza din il-Qorti kif preseduta kitbet u kkummentat biss dwar il-fatti li rrizultawlha relattivament ghar-reati li bihom l-imputati kienu akkuzati bihom f'dawk il-proceduri;

"Illi b'referenza ghat-tieni punt li fuqu l-imputati qeghdin jibbazaw it-talba taghhom din il-Qorti tibda biex tosserva illi hija ma tistax tiddeciedi li tastjeni meta jigi invokat l-Artikolu 6(1) ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 u dan billi a tenur ta' l-Artikolu 4(3) ta' l-istess Att *"Jekk f'xi procedimenti f'xi qorti li ma tkunx il-Prim' Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wiehed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skond dan is-subartikolu u, bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni"*;

"Illi fic-cirkostanzi dak li trid taghmel din il-Qorti hu li tiddeciedi jekk il-kwistjoni hix semplicement frivola jew vessatorja u jekk fil-fehma taghha ma tkunx hekk tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili;

"Illi huwa utili li jinghad f'dan l-istadju illi meta Qorti tezamina jekk it-tqanqil tal-kwistjoni hiex semplicement frivola jew vessatorja, hija trid tara biss jekk it-tqanqil ta' dik il-kwistjoni hiex serja jew le (il-frivolita`) jew jekk il-kwistjoni tkunx tqajjmet semplicement sabiex b'mod malizjuz jigu ostakolati jew imtawwla l-proceduri (il-vessazzjoni). Huwa dan illi trid tara l-Qorti, u xejn aktar minn hekk;

"Illi f'dawn il-proceduri l-imputati qeghdin jissottomettu illi huma mhumiex se jkollhom smigh imparzjali – kif garantit lilhom bl-Artikolu 6(1) ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 –

[1] **Recte** l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea li tinsab fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319.

billi fl-imsemmija sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta l-istess Qorti irrimarkat b'mod negattiv dwar l-agir ta' l-imputati fil-konfront ta' Anthony Galdes Giappone, parte civile kemm f'dik il-kawza kif ukoll f'din il-kawza;

"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-tqanqil ta' din il-kwistjoni la hi semplicement frivola u lanqas semplicement vessatorja u ghalhekk bil-poter moghti lilha bl-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 qeghda tibghatha quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex l-istess Onorabbli Qorti taghti d-decizjoni taghha fuqha skond kif previst mill-istess Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;"

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-13 ta' Gunju, 2002, li permezz taghha l-imsemmija Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija bazikament jikkontendu li l-fatti ma jaghtu lok ghal ebda *"legitimate reason to fear a lack of impartiality"* da parti tal-magistrat li quddiema tressqu l-akkuzi (riferibbilment ghas-17 ta' April, 2002) kontra Joseph Bone u Romeo Bone; ikomplu jghidu fir-risposta taghhom: *"Huwa sinjifikanti illi r-rikorrenti*[2] *m'humiex qeghdin jallegaw illi f'dik is-sentenza*[3] *il-Magistrat uriet xi karenza ta' imparzjalita` izda qeghdin jallegaw biss illi la darba hija kienet ikkummentat avversament dwar l-agir taghhom darba, hija m'ghandhiex tiddeciedi izjed kawzi fejn ikunu involuti huma [u] l-*parte civile *in kwistjoni – speci ta' perverzjoni tal-princpju* ne bis in idem*."*;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza l-kopja tas-sentenza tad-29 ta' Ottubru, 1999 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (sedenti l-Magistrat Dott. Abigail Lofaro) fl-konfront ta' Joseph Bone u Romeo Bone (ezibita permezz ta' nota fl-udjenza tat-22 ta' Lulju, 2002, fol. 18); semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-22 ta' Lulju, 2002; ikkunsidrat:

## Il-fatti

Dwar il-fatti ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet. Fid-**29 ta' Ottubru, 1999** il-Qorti tal-Magistrati (sedenti l-Magistrat Dott. Abigail Lofaro) tat sentenza fil-konfront ta' Joseph Bone u Romeo Bone. Dawn kienu akkuzati li kkommettew diversi reati (serq, sekwestru illegali tal-persuna, offizi fuq il-persuna, atti vjolenti kontra l-pudur, hsara volontarja, vjolazzjoni tal-proprjeta` u *ragion fattasi*) fejn il-vittmi kienu, tista' tghid fir-rigward tal-akkuzi kollha, certu Anthony Galdes Giappone u Anna Bone. Ovvjament ir-reati kienu jirrisalu ghal zmien ferm qabel dik id-data – mis-sentenza jirrisulta li r-reati kienu gew kommessi bejn il-31 ta' Marzu, 1996 u l-1 ta' April, 1996. F'dik is-sentenza dik il-qorti kienet sabet htija fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet kollha

[2] Proprjament Joseph Bone u Romeo Bone ma humiex "rikorrenti" f'dawn il-proceduri, peress li din mhix kawza li bdiet b'rikors, izda "imputati", u dan anke f'dawn il-proceduri kostituzzjonali li huma proceduri incidentali ghall-kawza kriminali pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Ghal ragunijiet amministrattivi – li, frankament, din il-Qorti qatt ma setghet tifhimhom – ir-Registratur jidentifika kawzi bhal dik odjerna bhala "rikors kostituzzjonali", u ghalhekk ir-referenza li tinghata mir-registru hi "Rik. Kost. 11/02 VDG".

[3] Is-sentenza tad-29 ta' Ottubru, 1999.

(salv ghal xi aggravji) u kienet ikkundannat lil kull wiehed minnhom, cioe` lil Joseph Bone u lil Romeo Bone, erba' snin prigunerija bla ebda tnaqqis tal-periodu ta' l-arrest preventiv. Fil-25 ta' April ta' din is-sena Joseph Bone u Romeo Bone gew akkuzati li fis-**17 ta' April, 2002** ghamlu hsara volontarja fuq proprjeta` ta' Anthony Galdes Giappone, kisru l-bon-ordni u l-paci pubblika, qalu kliem oxxen u indecenti fil-pubbliku li jikkonsisti f'dagha, li insulentaw u heddew lil certu Anthony Azzopardi, kif ukoll li huma recidivi. Huma originarjament tressqu (ghall-finijiet tal-presentata u l-proceduri li jmorru mal-presentata) quddiem il-Magistrat Dott. Consuelo Scerri Herrera. Fil-kors ta' din l-ewwel udjenza l-imputati ddikjaraw li huma ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja skond l-Artkolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, u l-prosekuzzjoni ezibiet il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal tali procedura sommarja. Il-kawza giet in segwitu assenjata biex tinstema' mill-Magistrat Dott. Miriam Hayman, li pero` astjeniet peress li, qabel ma saret magistrat, hija kienet ilha ghal diversi snin tippatrocinja lil Anna Bone, mart l-akkuzat Joseph Bone "dwar incidenti relatati" (ara fol. 25 tal-attijiet tal-kawza kriminali, temporanjament annessi ma' l-atti ta' din il-kawza kostituzzjonali). Il-kawza regghet giet ghalhekk riassenjata, din id-darba lill-Magistrat Dott. Abigail Lofaro. Fl-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2002 u aktar specifikatament fl-udjenza tas-17 ta' Mejju, 2002 tqajjmet il-kwistjoni tar-rikuza tal-Magistrat Lofaro a bazi, *inter alia*, ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Bazikament l-akkuzati qed jilmentaw li, minhabba fil-mod kif l-imsemmija magistrat esprimiet ruhha fis-sentenza tad-29 ta' Ottubru, 1999, huma mhux ser ikollhom, jew x'aktarx li mhux ser ikollhom, smigh xieraq fil-proceduri inizjati fil-25 ta' April, 2002.

Fl-udjenza tat-22 ta' Lulju, 2002 quddiem din il-Qorti (cioe` quddiem il-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali) gew indikati mill-abbili difensur tal-imputati il-brani fis-sentenza tad-29 ta' Ottubru, 1999 li huma qed jilmentaw minnhom, fis-sens li fihom il-gudikant in kwistjoni kienet esprimiet ruhha b'mod li jaghtihom raguni valida ghaliex jahsbu li huma issa mhux ser ikollhom smigh xieraq quddiem l-istess gudikant. Dawn il-brani gew immarkati mill-Qorti bl-ahmar (ara fol. 25 u 27) u huma s-segwenti:

1. *"Illi dan l-agir barbaru illi aktar jixraq fil-gungla milli fis-socjeta` civilizzata jisthoqqlu kull stmerrija u disprezz u kundanna."*

2. *"Dan l-agir ma jista' taht l-ebda cirkostanza jigi tollerat jew skuzat fis-socjeta` civilizzata."*

3. *"Ghal dak illi jirrigwarda l-piena, il-Qorti tara u thoss illi l-ebda wiehed mill-imputati fuq imsemmija ma wera xi dispjacir ghal dak illi gara…"*[4]

4. *"Il-Qorti rat ukoll illi ghalkemm l-imputat Joseph Bone ammetta illi ha c-crieket ta' martu, hu baqa ma irritornahomx lilha, in succint, l-imputat[i] ma wrew l-ebda*

[4] Il-bran senjalat mill-imputati huwa, proprjament, dak sottolineat; din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li l-frazi "ma wera xi dispjacir ghal dak li gara" wahedha ma taghmilx sens u ghalhekk giet riprodotta s-sentenza kwazi kollha. L-istess jinghad ghall-bran immarkat bin-numru 4.

*dispjacir ghal dak illi ghamlu u bl-ebda mod ma ippruvaw jirrangaw l-hsara illi wettqu…"*

Ghall-kompletezza tal-kwadru tal-fatti ghandu jinghad illi l-"agir barbaru" li ghalih jidher li kienet qed tirreferi l-Qorti tal-Magistrati fl-ewwel bran, kif ukoll "l-agir" li mhux tollerat f'socjeta` civilizzata li ghalih jirreferi t-tieni bran, kien dak stabbilit bhala fatt minn dik il-qorti fil-paragrafu tas-sentenza li jigi minnufih qabel l-ewwel bran citat u li jghid testwalment hekk:

*"Illi l-Qorti hija konvinta illi dak li gara fil-jum, hin u post kif indikat fl-imputazzjoni, kien illi z-zewg imputati fuq imsemmija zgassaw u dahlu fir-residenza ta' Galdes Giappone, heddew u sawwtu lil Galdes Giappone u lil Anna Bone, nezzawlhom il-qalziet ta' taht, hadulhom xi ritratti, il-kamera pero` ma hadmitx, rabtuhom permezz ta'* wire *ta' kitla, inzammu marbutin bil-forza sakem Joseph Bone gab kamera ohra, regghu ittiehdulhom xi ritratti, inkisru xi affarijiet inkluz* telephone set *fid-dar ta' Galdes Giappone, imbghad Joseph Bone seraq deheb u flus mill-istess residenza, bil-komplicita` ta' l-imputat Romeo Bone."*

## Il-ligi kif applikabbli ghall-fatti

L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea – kif ukoll l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni – jiggarantixxi lil kull min ikun akkuzat b'reat kriminali smigh xieraq ("fair hearing") billi jezigi li l-kaz jigi mismugh minn "tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi". L-imputati mhux jilmentaw li l-Qorti tal-Magistrati (Malta), sedenti l-Magistrat Dott. Abigail Lofaro, mhux tribunal "imwaqqaf b'ligi". Anqas ma huma jilmentaw mill-"indipendenza" ta' dik il-qorti kif komposta, jigifieri l-indipendenza mill-ezekuttiv, mill-partijiet u anke mill-legislatura. Huma qed jikkontendu semplicement li minhabba l-mod kif esprimiet ruhha dik il-gudikant fis-sentenza tad-29 ta' Ottubru, 1999 ikun hemm nuqqas ta' "imparzjalita`" jekk il-kaz fir-rigward ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom fil-25 ta' April, 2002 jinstema' mill-Magistrat Lofaro.

Li gudikant ikun imparzjali jfisser li huwa jkun hieles minn pregudizzju jew minn "bias" fil-mod kif jaffronta l-kaz li jkollu quddiemu. Il-Qorti ta' Strasbourg, fil-kawza ***Piersack v. Belgium*** (1982), addottat test doppju dwar l-esistenza o meno tar-rekwizit ta' l-imparzjalita`, liema test gie sussegwentement espress f'dawn it-termini f'kawza ohra, u cioe` fil-kawza ***Huaschildt v. Denmark*** (1989):

*"The existence of impartiality for the purpose of Article 6(1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect."* (A 154 para. 46).

L-awturi kollha li kkonsultat din il-Qorti[5] jaqblu li ghal dak li jirrigwarda t-test soggettiv, fis-sens jekk li l-gudikant ikunx fil-fatt u fir-realta` pregudikat, ir-regola hi li l-gudikant hu presunt imparzjali sakem ma jigix ippruvat il-pregudizzju li huwa ghandu jew kellu fir-rigward ta' xi kaz partikolari. Dan, kif jirrikonoxxu l-istess awturi, huwa difficli hafna li jigi ppruvat; fi kliem Merrills u Robertson: *"As one would expect, subjective impartiality, that is impartiality in fact, is presumed unless there is proof to the contrary. Consequently, while personal impartiality is certainly essential, 'objective impartiality', or the principle that justice must be seen to be done, tends to receive more attention in practice."*[6] Fil-kaz in dizamina l-imputati, permezz ta' l-abbili difensur taghhom Dott. Joseph Giglio, ma humiex proprjament jikkontendu li l-Magistrat Lofaro hi fil-fatt pregudikata kontra taghhom minhabba s-sentenza li hija kienet diga tat fil-konfront taghhom fuq fatti kompletament differenti. Dan jirrisulta anke mit-trattazzjoni ta' l-imsemmi avukat li saret quddiem il-Qorti tal-Magistrati u li tinsab traskritta a fol. 33 sa 36 tal-attijiet tal-kawza kriminali. Minn dik it-traskrizzjoni jirrisulta li dwar it-test soggettiv l-abbili difensur ta' l-imputati ma hassx li kellu jikkummenta, u lealment stqarr li dwar jekk fil-fatt hemmx pregudizzju personali din kienet kwistjoni li kellha taraha bis-serenita` kollha l-istess magistrat wahedha. Minkejja dan, din il-Qorti thoss li ghandha tindirizza din il-kwistjoni tal-pregudizzju personali jew pregudizzju fil-fatt, u dan sabiex il-kwistjoni, riferibbilment ghall-kaz in dizamina, tigi deciza darba ghal dejjem. Minn ezami akkurat tas-sentenza tad-29 ta' Ottubru, 1999 – li hi l-unika prova li qed igibu l-quddiem l-imputati ghall-finijiet tal-lanjanza kostituzzjonali taghhom (ara l-verbal tal-udjenza tat-22 ta' Lulju, 2002) – anqas remotament ma jista' jinghad li b'dak li intqal f'dik is-sentenza, il-magistrat li issa giet imsejjha tiddeciedi kawza ohra li tinvolvi l-istess partijiet (bhala imputati u, fir-rigward ta' imputazzjoni minnhom, bhala parti civili) ghandha xi pregudizzju fir-rigward ta' xi wahda mill-partijiet. Is-semplici fatt li gudikant jigi msejjah sabiex jiddeciedi *seriatim* diversi kawzi li jinvolvu l-istess partijiet, liema kawzi jkunu pero` naxxenti minn "fatti" differenti, ma jfissirx li kif appena jiddeciedi l-ewwel wahda favur parti jew ohra allura huwa jkun "pregudikat" fil-konfront tal-parti sokkombenti fir-rigward tal-kawzi li jkun ghad baqghalu jiddeciedi. Il-gudikant serju u kompetenti jaffronta kull kaz b'oggettivita` u jaghmel sforz konxju biex jiddeciedi biss fuq dak li jkun irrisultalu bhala fatt u skond il-ligi, u fid-dawl tal-argumenti mressqa mid-difensuri tal-partijiet, indipendentement minn dak li jkun iddecieda f'kawzi precedenti li jinvolvu lil xi parti li terga' tigi quddiemu: *judex bonus nihil ex arbitrio suo faciat, nec prepositione domesticae voluntatis, sed juxta leges et jura pronunciet* (7 Coke's English King's Bench Reports, 27). Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tghid aktar f'dan ir-rigward.

[5] Fosthom van Dijk, P. u van Hoof, G.J.H. ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** Kluwer (The Hague), 1998, p. 454; Emmerson, B. u Ashworth, A. ***Human Rights and Criminal Justice*** Sweet & Maxwell (London), 2001, p. 369; Harris, D.J., O'Boyle, M. u Warbrick, C. ***Law of the European Convention on Human Rights*** Butterworths (London), 1995, p. 235.

[6] Merrills, J.G. u Robertson, A.H., ***Human Rights in Europe*** Juris Publishing (Manchester), 2001, p. 106.

Kwantu ghat-test oggettiv, dan gie spjegat hekk minn Ben Emmerson u Andrew Ashworth:

*"In applying the objective test, the question is whether a legitimate doubt can be "objectively justified". The Court will inquire whether the tribunal offered guarantees sufficient to exclude such a doubt, or whether there are "ascertainable facts" that may raise doubts as to the tribunal's impartiality. In making an assessment of a tribunal's impartiality, "even appearances may be important". Where there is legitimate doubt as to a judge's impartiality, he must withdraw from the case."*[7]

Fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg gie diversi drabi ritenut li fir-rigward ta' dan it-test oggettiv, ghalkemm dak li jahseb l-akkuzat (jew il-parti li tqajjem l-ilment) dwar l-imparzjalita` tal-qorti huwa importanti, dan fih innifsu ma hux fattur decisiv. Dak li hu decisiv hu jekk hemmx cirkostanzi, oggettivament riskontrabbli, li jnisslu dubbju legittimu f'mohh l-akkuzat jew f'mohh il-pubbliku dwar l-imparzjalita` tal-qorti. S'intendi, anke cirkostanza wahda f'dan is-sens tista' tkun bizzejjed.

Fil-kaz in dizamina, il-mod kif esprimiet ruhha l-magistrat fis-sentenza tad-29 ta' Ottubru, 1999 b'ebda mod ma jista' jnissel dubbju legittimu (a differenza ta' dubbju irragjonevoli u ghalhekk mhux legittimu) dwar l-imparzjalita` taghha – u konsegwentement tal-Qorti li tippresjedi – fir-rigward tal-proceduri inizjati fil-25 ta' April, 2002 fil-Qorti tal-Magistrati u li in segwitu spiccaw quddiem l-istess magistrat. Gudikant ghandu mhux biss id-dritt izda xi mindaqqiet wkoll l-obbligu li fil-gudikati tieghu jesprimi ruhhu, jekk hemm bzonn anke f'termini iebsin, dwar il-fatti li jkunu rrizultawlu, specjalment ghall-finijiet ta' piena. Sakemm il-kumment ma jkunx f'termini zbilancjati jew manifestament mhux floku, jew sakemm ma jkunx evidenti li l-kumment huwa motivat minn animosita` jew simpatiji personali lejn parti jew ohra, jew sakemm ma jkunx hemm xi cirkostanza ohra f'dan is-sens, ma jistax jinghad li fir-rigward ta' dak il-gudikant ikun hemm raguni legittima biex wiehed jahseb li f'kawza ohra li tinvolvi l-istess parti jew partijiet dak il-gudikant mhux ser ikun f'posizzjoni li jaffronta l-kaz b'mod oggettiv. Il-kummenti ta' gudikant, dejjem jekk ikunu fil-parametri tal-ligi u ta' dak li hu ragjonevoli, huma parti essenzjali mill-motivazzjoni tas-sentenza. Fil-kaz in dizamina, id-deskrizzjoni tal-fatti li kienu rrisultaw lill-Qorti (li tat is-sentenza fid-29 ta' Ottubru, 1999) bhala "agir barbaru illi aktar jixraq fil-gungla milli fis-socjeta` civilizzata" u bhala agir li "jisthoqqlu kull stmerrija u disprezz u kundanna" kienu kummenti legittimi ghax b'ebda mod ma jezorbitaw mill-parametri tar-ragjonevolezza. Frankament din il-Qorti kienet tkun sorpriza li kieku f'dik is-sentenza ma kienx hemm xi kumment simili! L-istess jista' jinghad ghall-brani l-ohra – aktar 'l fuq indikati – senjalati mill-imputati. Dawn huma kollha kummenti legittimi limitati ghal dawk il-fatti li rrizultaw lill-gudikant li tat is-sentenza tad-29 ta' Ottubru, 1999, fatti li huma kompletament differenti minn dawk li allegatament sehhew fis-17 ta' April, 2002.

---

[7] ***Human Rights and Criminal Justice*** *op. cit.*, p. 369, sottolinear tal-Qorti. Ara wkoll ***Law of the European Convention on Human Rights*** *op. cit.* pp. 235-239.

Fl-ahharnett il-Qorti tosserva li kemm quddiem din il-Qorti (fit-trattazzjoni tat-22 ta' Lulju, 2002) kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati (fit-trattazzjoni tas-17 ta' Mejju, 2002), l-abbili difensur tal-imputati ghamel referenza ghal bran mis-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-1 ta' Marzu, 1995 fl-ismijiet ***Generoso Sammut v. Onor. Prim Ministru u Kummissarju tal-Pulizija***[8]. Skond l-imputati din il-Qorti kienet esprimiet ruhha b'mod li jekk ikun hemm xi "link" bejn il-fatti ta' kawza u l-fatti ta' kawza ohra allura ma jistax l-istess gudikant jiddeciedi z-zewg kawzi. L-imputati, pero`, mhux qed jikkwotaw lil din il-Qorti korrettement. Jibda biex jinghad li l-fatti fil-kawza ta' Generoso Sammut kienu kompletament differenti mill-fatti odjerni; f'dik il-kawza Sammut kien qed jippretendi li peress li kellu appell pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali sedenti l-Onor. Imhallef Victor Caruana Colombo, appell kriminali iehor (f'kawza ohra) li sar wara ma kellux jinstema' mill-imsemi Imhallef. Din il-Qorti, f'dik is-sentenza, kienet qalet hekk[9]:

*"…din il-Qorti tara li l-ilment tar-rikorrent hu assolutament bla bazi. In fatti dak li qed jippretendi r-rikorrent hu li gudikant fi stadju ta' appell jista' jiehu konjizzjoni ta' appell wiehed biss ta' persuna misjuba hatja, b'mod li jekk dik il-persuna ikollha appell jew appelli ohra (tnejn, tlieta, erbgha jew aktar) dawn iridu jigu assenjati lil daqstant imhallfin differenti. Dan ghandu, logikament, isegwi wkoll ghall-kazijiet quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali komposta minn tlett imhallfin, cioe` ghal appelli minn gurijiet, b'mod li jekk persuna ghandha aktar minn appell wiehed pendenti, kull wiehed minn dawk l-appelli ghandu jigi quddiem Qorti komposta minn tlett imhallfin differenti. Din il-Qorti ma taf b'ebda ligi, ebda prassi, ebda dottrina u ebda sentenza ta' ebda gurisdizzjoni li qatt ipproponiet jew issanciet dak li qed jipproponi r-rikorrent.* ***Is-sitwazzjoni kienet, naturalment, tkun differenti li kieku, per ezempju, qed jigi allegat – u kieku gie ippruvat – li hemm xi rabta ta' fatt bejn l-ewwel u t-tieni appell u li l-ewwel appell diga gie deciz b'mod li l-imhallef diga necessarjament ippronunzja ruhhu fuq il-fatti in kontestazzjoni fit-tieni appell.*** *F'kaz bhal dan din il-Qorti tara li anqas kien ikun hemm bzonn ta' rikors ghal rimedju kostituzzjonali peress li l-gurisprudenza taghna diga pprovdiet ghal sitwazzjoni simili (ara, per ezempju, is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-10 ta' Lulju, 1946 fl-ismijiet Il-Maesta` Tieghu ir-Re v. Carmelo Ivo Leone Ganado)."*

Ghalhekk, biex jidhol fix-xena l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, mhux bizzejjed li jkun hemm "link" bejn kawza u ohra, bhal, per ezempju il-"link" li l-partijiet (imputat u vittma) jkunu l-istess, jew li l-fatti, ghalkemm differenti, ikunu naxxenti minn glied kontinwu bejn l-istess partijiet (bhalma jista' jkun il-kaz in dizamina). Biex wiehed jista' jitkellem dwar "pre-gudizzju" irid ikun hemm decizjoni fuq xi fatt li jkun ukoll "in issue" fit-tieni kawza, b'mod li l-gudikant fit-tieni kawza ikun diga ippronunzja ruhhu fuq il-fatt in kontestazzjoni. Fil-kaz in dizamina ma jidher li hemm xejn minn dan.

## Decizjoni

[8] Rikors Kost. nru. 489/94.

[9] Il-parti li jidher li r-rikorrent qed jikkwota hazin u barra mill-kuntest qed jigu riprodotti b'karattri hoxna.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddeciedi l-vertenza migjuba quddiemha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz tar-referenza tas-6 ta' Gunju, 2002 billi tiddikjara li *rebus sic stantibus* ma jkun hemm ebda vjolazzjoni tad-drittijiet tal-imputati kif protetti bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jekk il-kawza sommarja fl-ismijiet premessi u li bdiet bil-presentata tal-istess imputati fil-25 ta' April, 2002 tinstema' u tigi deciza mill-Magistrat Dott. Abigail Lofaro; u konsegwentement tibghat lura l-atti tal-kawza kriminali, flimkien ma' din id-decizjoni, lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-imsemmija magistrat tkompli tisma' l-kawza u tipprocedi skond il-ligi.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, jekk hemm tali spejjez, ghandhom jigu sopportati mill-imputati Joseph Bone u Romeo Bone solidament bejniethom.

A. Testone
Assistent Registratur